**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 56/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Brandon Mansueto**

Illum, 1 ta' Lulju 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Brandon Mansueto, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 420697(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. Nhar 31.10.2021 għal ħabta ta' 19:00hr ġewwa l-Istadium Toni Bezzina, Kordin, waqt li kienet qed tintlagħab partita futbol bejn it-timijiet Floriana FC u Gzira United, filwaqt li kien dieħel fil-ground, filwaqt li kien hemmhekk jew kien ħiereġ, uza kliem offensiv jew ġab ruħu abbusivament u dan bi ksur ta' L.S. 10.33 Reg.7.
2. Kif ukoll ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-iSpettur Sarah Kathleen Zerafa, inkarigata minn servizz pubbliku, jew ma ħalliex jew fixkilha waqt li kienet qed tagħmel id-dmirijiet tagħha, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirijietha, billi ma ħalliex lill-ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor kien għamel skond il-liġi, jew b'xi mod ieħor li kien, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma kienux jaqgħu taħt dispozizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Frar 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u regolament seba' (7) u disa' (9) tal-Liġi Sussidjarja 10.33, sabet lil Brandon Mansueto mhux ħati tat-tieni mputazzjoni dedotta kontrih u lliberatu minn kull ħtija u piena dwarha, filwaqt li sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u kkundanatu multa ta' tlett mitt Ewro (€300) u skwalifika ta' għaxar (10) xhur milli jattendi f'xi ground ta' l-isports.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fl-24 ta' Frar 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn ma sabitux ħati tat-tieni imputazzjoni, tħassarha u tirrevokaha fejn sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontrih, u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħha u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena jew alternattivament, sussidjarjament, tirriforma is-sentenza appellata in kwantu għall-piena inflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant iqajjem tlett aggravji, li in suċċint huma s-segwenti:

a) Illi, l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha stante li ma setgħet qatt ikollha livell ta' prova sal-konvinċiment morali tal-ħtija tal-appellant għall-ewwel imputazzjoni u dan għaliex il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni kienu jaqgħu 'il bogħod mill-grad rikjest mill-liġi;
b) Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-piena erogata fil-konfront tal-appellant hija waħda eċċessiva;

c) Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-iskwalifika milli jattendi *grounds ta' sports* kienet ukoll waħda eċċessiva.

**Ikkunsidrat:**

Illi, *in primis*, l-appellant iqajjem punt ta' dritt proċedurali u dana meta jilmenta li l-Liġi Sussidjarja 10.33 ma tapplikax għal każ in kwistjoni. Dana għaliex l-*Istadium Toni Bezzina*, fejn allegatament kienu kommessi r-reati addebitati lill-appellant, liema grownd hu indikat fiċ-ċitazzjoni, mhuwiex wieħed minn dawk iċ-ċentri sportivi inklużi fil-lista ta' postijiet imsemmija fl-istess Liġi Sussidjarja li huma meqjusa bħala "*ground ta' l-isports*".

Illi, f'dan ir-rigward, huma rilevanti d-dispożizzjonijet tal-Artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta), senjatament tas-subinċiż tnejn (2) ta' l-istess li jistipola liema huma dawk ir-rekwiżiti li l-Liġi trid li jkun fiha ċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-imputat jinġieb quddiem il-Qorti għall-bidu tal-proċediment penali kontra tiegħu -

> *Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*

Illi, huwa paċifiku li dawn ir-rekwiżiti għandhom iservu biss sabiex l-imputat jkollu idea ċara dwar dak li qed jkun mixli b'mod tali allura li jkun jista' jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu. Huwa proprju għalhekk li l-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali jistipola li ċ-ċitazzjoni għandha jkollha ċerti dettalji, u dana sabiex l-imputat jiġi ppreparat f'ewwel jum tas-smigħ u jkun f'posizzjoni jiddefendi ruħu mill-akkużi lilu addebibati. Issa l-appellant mhuwiex daqstant jilmenta minn xi nullita' fiċ-ċitazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu billi hemm aderenza mar-rekwiżiti imfassla fl-artikolu 360 hawn fuq iċċitat. Dak li qed jilmenta minnu l-appellant huwa illi l-post indikat fiċ-ċitazzjoni ma huwiex wieħed minn dawk elenkati fir-Regolamenti biex jinżamm l-Ordni Pubbliku fil-*Grounds* ta' l-Isports u allura ma tistax tirriżulta ir-reita' taħt l-imsemmija Legislazzjoni sussidjarja.

Issa, f'dan il-każ, ma jistax jingħad illi ċ-ċitazzjoni fiha informazzjoni għal dak li jirrigwarda l-partikolaritajiet tal-ħin, lok u żmien li jenħtieġ li jingħataw, li tikkontrasta ma' dak li jemerġi mill-provi li nstemgħu waqt il-mori tal-kawża. Fuq kollox kif minn dejjem ritenut, il-funzjoni taċ-ċitazzjoni hija biss ta' *avviso di comparire*, liema avviż, madanakollu għandu kif ingħad jirrifletti l-fattispecie tal-każ hekk kif jemerġu mill-provi almenu b'mod approssimattiv għal dak li jirrigwarda il-partikolaritajiet taż-żmien, lok u ħin li fihom allegatament ikun ġie kommess ir-reat.

Illi, mistqarra dawn il-prinċipji, jiġi rilevat illi r-regolament 2 tal-Liġi Sussidjarja 10.33 jiddisponi testwalment illi fost oħrajn:

**"ground ta' l-isports" tfisser –**

**......**

**(f) il-Hibernians Football Ground - Kordin, Paola**

Issa il-lok indikat fiċ-ċitazzjoni fejn allegatament seħħ ir-reat huwa "*l-Istadium Toni Bezzina, Kordin*". Illi fis-sit uffiċjali tal-klabb tal-Hiberians FC, u li l-Qorti ħadet avviż tiegħu, hemm indikat is-segwenti:

> ***Tony Bezzina Stadium is a multi-use stadium in Paola, Malta. The Hibernians football ground was inaugurated on 9 November 1986. Hibernians became the first Maltese club to have their own football pitch[1].***

Dan ifisser, u *del resto* il-Qorti tazzarda tgħid illi huwa fatt inkontestat, li dawn iż-żewġ ismijiet jirreferu effettivament għall-istess *stadium*, li huwa l-i*stadium* li fih seħħ l-inċident *de quo.* Tant huwa fatt inkontestat li saħansitra mix-xhieda tal-appellant stess jirrizulta ċar li huwa fehem perfettament biex kien mixli quddiem il-qorti, inkluz il-lok fejn seħħ l-event kriminuż lilu addebitat, liema grownd allura jaqa' fid-definizzjoni ndikat fir-regolament 2 hawn fuq iċċitat. *In oltre*, anke mis-sottomissjonijiet finali tad-difiza kemm quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll quddiem din il-Qorti, jirriżulta li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-lok li dwaru qed tirreferi l-imputazzjoni odjerna.

[1] https://www.hiberniansfc.mt/stadium/

Għaldaqstant, dan l-ilment imqanqal mill-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, sorvolat dan l-ilment proċedurali jifdal biex jiġi mistħarreġ l-aggravju mressaq mill-appellant marbut mal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. Għal dan il-għan din il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u dana sabiex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[2].

Illi dan il-każ seħħ ġewwa grownd tal-futbol tal-Hiberians waqt li kienet qed tintlagħab partita futbol bejn it-tims tal-Furjana u il-Gżira. L-appellant huwa dilettant tal-futbol u jżomm mat-tim tal-Furjana. Il-pulizija li kien hemm għassa fil-grownd jixhdu u igħidu li raw lill-appellant iwaddab tazza mimlija tal-plastic fil-*pitch* u dan waqt li kienet qed tintlagħab il-logħba fost xi kliem offensiv. L-appellant dan jiċħdu, iżda l-Ewwel Qorti ma tatux affidament u dan wara li kien muri fil-qorti filmat eżebit mill-Prosekuzzjoni li irreġistra dan l-inċident, u li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu.

Illi, l-appellant jilmenta li hemm kontradizzjonijiet fix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni u li tali nuqqasijiet u dubbji kellhom jimmilitaw favur tiegħu. Issa jibda biex jingħad illi huwa minnu li d-data li hemm imnizzla fl-affidavit ta' PS 2269 Miriam Lia hija dik tal-31 ta' Novembru 2021 minflok il-31 ta' Ottubru 2021 u ċioe' id-data meta seħħ l-inċident mertu ta' dan il-każ, madanakollu huwa evidenti li dan kien sempliċiment *lapsus calami* u dana fid-dawl tal-fatt li kemm *il-PIRS Report* li jinsab in atti, mħejji mill-istess surġent, kif ukoll ix-xhieda tal-iSpettur Sarah Zerafa jindikaw id-data koretta bħala dik tal-31 ta' Ottubru 2021. Fuq kollox saħansitra fuq

[2] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

il-filmat eżebit in atti tidher id-data li fiha saret ir-reġistrazzjoni bħala dik tal-31 ta' Otturbu 2021. *In oltre*, xhud wieħed, jekk emnut, huwa bizzejjed sabiex jagħmel prova sħiħa u kompluta, u allura anke jekk *gratia argomenti*, dina l-Qorti kellha tiskarta l-*affidavit* ta' PS 2269, xorta waħda hemm ix-xhieda tal-Ispettur Sarah Zerafa, li hija xhud okulari kif ukoll xhud imparzjali li tindika d-data korretta ta' meta seħħ l-event kriminuż. L-istess Spettur Zerafa kienet skjetta fix-xhieda tagħha u kienet ċerta li kienet rat lill-appellant jitfa' tazza tal-*plastic* ġewwa l-*ground* meta l-lobgħa tal-futbal kienet għadha qed tintlagħab. Mill-filmat fil-fatt huwa evidenti li l-pulizija li kien hemm fil-grownd fil-jum tal-inċident kienu qed jissorveljaw lil partitarji kontinwament tul il-partita. *In oltre,* minn naħa l-oħra, ix-xhieda tal-appellant xejn ma kienet waħda li tikkonvinċi. Għaldaqstant l-Qorti ma ssib l-ebda raġuni 'il għala għandha tirrimpjazza d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti meta waslet għad-deċiżjoni tagħha u għalhekk dan l-aggravju mill-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment u qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, sorvolat l-aggravju dwar il-mertu mressaq mill-appellant, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u ċioe dik ta' multa ta' tlett mitt Ewro u skwalifika milli jattendi *grounds tal-isports* għall-perijodu ta' għaxar xhur, fejn l-appellant jilmenta li dawn huma ferm eċċessivi.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza nostrana illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[3].

Illi minn eżami akkurat tas-sentenza impunjata, jirriżulta illi d-deċizjoni ta'l-Ewwel Qorti li teroga il-piena tal-multa fl-ammont ta' €300 kienet waħda ben motivata, kif

[3] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

ukoll kienet waħda li tqarreb pjuttost lejn il-minimu. Għalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma li l-multa inflitta kienet waħda legalment u raġonevolment valida, mhux eċċessiva u tinkwadra ruħha fil-parametri tal-Liġi u li għalhekk ma teżisti l-ebda raġuni 'il għala l-istess għandha tiġi varjata.

Illi, minn naħa l-oħra, fir-rigward l-iskwalifika għal perijodu ta' għaxar xhur imposta fuq l-appellant fit-termini tar-regolament 9(2) tal-Leġislazzjoni sussidjarja 10.33, il-Qorti hija tal-fehma li dina hija waħda pjuttost oneruża tenut kont illi din l-iskwalifika mhijiex tassattiva fuq il-Qorti, fejn dik inflitta f'dan il-każ tqarreb lejn il-massimu tagħha, f'xenarju fejn il-fedina penali tal-appellant hija waħda netta, b'din tkun allura l-ewwel darba li l-appellant xellef difrejgħ mal-ġustizzja. Dan ma jfissirx illi l-Qorti b'xi mod qed timinimizza s-serjeta' tal-aġir kriminuż tal-appellant li dehrlu li kellu jitfa' tazza fil-*ground* waqt lobgħa futbol. Tali aġir seta' kellu konsegwenzi aktar serji. Partitarji tal-futbol għandhom iġibu ruħhom b'mod xieraq u b'rażan, mingħajr ma jazzardaw iqiegħdu is-sigurta' tagħhom u tal-partitarji l-oħra fil-periklu. Illi madanakollu tenut kont tal-fattispeċje ta' dan il-każ il-Qorti hija tal-fehma illi għalkemm huwa xieraq illi jkun hemm l-iskwalifika maħsuba fir-regolament 9(2), madanakollu billi din kienet l-ewwel darba li l-appellant ikkometta dan it-tip ta' reat, l-iskwalifika għandha tingħata fil-minimu tagħha.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' in parti l-appell imressaq mill-appellant, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

i) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant kien illiberat mit-tieni imputazzjoni;
ii) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati ta' l-ewwel imputazzjoni;
iii) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant għal piena ta' multa ta' €300, iżda
iv) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn skwalifikat lill-appellant għal perijodu ta' għaxar xhur milli jattendi f'xi *ground ta' l-isports* u minflok tikkundanah

għal skwalifika għal żmien xahrejn, li għandhom jibdew jiddekorru mil-lum.

**Edwina Grima**
**Imħallef**